MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 365/2008

**Edward Debono**
**ID228062-(M)**

**vs**

**Graziella DeCesare**
**ID144063-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elfejn hamsa u hamsin Ewro u erba' centezmi (€2,055.04c), ekwivalenti ghal tmien mija, tnejn u tmenin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm882.23c), dovuti in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u disa' Ewro u tnejn u disghin centezmu (€409.92c) bhala hlas ta' materjal uzat tul ix-xoghlijiet li saru fl-appartament tal-konvenuta fuq inkarigu taghha stess u r-rimanenti elf sitt mija u

hamsa u erbghin Ewro u tnax-il centezmu (€1,645.12c) bhala hlas ghax-xoghlijiet imwettqa fl-imsemmi fond fuq inkarigu tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarja tal-20 ta' Novembru, 2007 u tat-12 ta' Dicembru, 2007 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut[a] li h[i] ingunt[a] ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-attur kien gie nkarigat mill-konvenuta, tramite ta' Michael Trapani Galea Feriol, sabiex jghamel xoghol fil-fond tal-konvenuta. Xoghol l-attur kien illi jaqla' l-madum li kien hemm f'terrazzin hdejn pool, u imbaghad jerga' jqieghed il-madum, wara li terzi jghaddu xi pipes u membrane f'dan l-istess terrazzin. Ir-rata kienet mifthema direttament bejn il-partijiet, u l-attur jghid illi dan kien bir-rata ta' erba' Liri u erbghin centezmu (Lm4.40c) ekwivalenti ghal ghaxar Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€10.25c) fis-siegha, oltre rata fl-ammont ta' zewg Liri u hamsin centezmu (Lm2.50c) ekwivalenti ghal hames Ewro u tnejn u tmenin centezmu fis-siegha sabiex l-attur iqabbad lavrant sabiex jassistih. Skond il-verzjoni moghtija mill-istess attur, hu qala' l-madum u hejja t-terrazzin sabiex jahdem haddiehor, u dan fuq medda ta' jumejn u nofs, u imbaghad kellu jieqaf sabiex jigi jahdem tal-pipes, u imbaghad xi xahrejn u nofs jew tlieta wara, regghet avvicinatu l-konvenuta sabiex ikompli. L-attur jghid illi sakemm lestew il-plumber u tal-membrane, hu ma setax ikompli x-xoghol.

L-attur spjega kif witta` s-sodda (bit-torba), u fuq suggeriment ta’ Michael Trapani Galea – li kien qed jissorvelja x-xoghol – ta wkoll saff konkos. Imbaghad l-attur haleb il-konkos, u gie haddiehor biex jghamel il-membrane.

Illi eventwalment meta l-attur gie biex iqieghed il-madum, ma setax iqieghdu ghaliex kien ghola l-livell tat-terazzin, u ghalhekk kellu jinqala’ l-bieb sabiex jirrangawh. Fil-frattemp, l-attur gie inkarigat mill-konvenuta sabiex jghamel xoghol iehor, u dan kien xi soll taz-zonqor li kellu jinqala’, fost ohrajn.

L-attur spjega kif hu ma rcieva ebda deposit minghand il-konvenuta u wara li kien beda x-xoghol bghatilha kont, izda hi ma hallsitx, u talbitu jaghtih lil Michael Trapani Galea. Illi skond l-attur, il-konvenuta qaltlu illi mhux ser thallsu qabel ma jlesti x-xoghol. L-attur kellu jwahhal ukoll il-madum ta’ *landing* fl-appartment. Kien jonqos biss li jitwahhal l-iskirting f’dan il-*landing*.

Illi skond ir-rendikont li zamm l-attur, hu dam jahdem ghand il-konvenuta ghal dsatax (19)-il gurnata u nofs, filwaqt li l-konvenuta qalet li kellu jlesti f’gimgha u nofs. Ir-rendikont tal-granet li hadem l-attur jirrizulta minn Dok ED1 (a fol.45).

In kontro-ezami l-attur iddikjara li ma sar ebda ftehim bil-miktub bejnu u l-konvenuta dwar ir-rati li bihom kellu jithallas. Dwar il-ftehim mal-konvenuta li jibda u jispicca x-xoghol, jghid li dan ma setax isir, ghaliex kellu jahdem haddiehor fil-frattemp. Madanakollu, jghid li meta beda x-xoghol ta’ tqeghid tal-madum, dan bdieh u baqa’ ghaddej sakemm lestih. Jghid ukoll illi generalment kien imur jahdem mit-tmienja ta’ filghodu sal-erbgha ta’ wara nofsinhar, ghalkemm kien hemm okkazjonijiet meta mar ghal ftit sieghat biss. Jghid ukoll illi l-konvenuta kienet ghamlet enfasi li ahjar illi x-xoghol ma jkunx mghaggel, izda li jsir sew.

B’referenza ghal Dok. SMS a fol. 73 tal-atti, l-attur mitlub jispjega ghalfejn ir-rata giet indikata bhala hamsa u tletin

lira Maltin (Lm35) ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53c) kulljum, xehed illi ghalkemm il-ftehim mal-konvenuta kien li jithallas bis-siegha, madanakollu hu wasal ghal din ir-rata ta' hamsa u tletin Lira Maltin (Lm35) ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53c) kulljum meta tlesta u gie kompletat ix-xoghol, u saru l-kalkoli.

Xehed Michael Trapani Galea Feriol, li kkonferma li kien hu li laqqa' lill-attur mal-konvenuta, sabiex jghamlilha xi xoghol fil-gnien / terrazzin tal-penthouse taghha. Kien prezenti meta ntlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar ir-rata li biha kellu jithallas l-attur. Kien sar diskors ukoll bejn il-partijiet dwar kemm kien ser jimpjega zmien l-attur sabiex ilesti x-xoghol, u l-attur kien ta' indikazzjoni ta' madwar gimgha jew ftit aktar. Dan l-istess xhud qal li kien isegwi x-xoghol li kien qed iwettaq l-attur. Fil-fehma ta' dan ix-xhud, ix-xoghol kien qed isir sew. Qal ukoll illi l-attur gie nkarigat mill-konvenuta sabiex izid xi xogholijiet zghar ohra. Xehed ukoll illi l-attur lesta x-xoghol kollu li kien inkarigat li jaghmel salv li kie jonqos li jwahhal l-iskirting, li kien 'gia gie maqtugh minnu, izda imbaghad twahhal minn haddiehor.

Mistoqsi jafx ghalfejn il-konvenuta ma hallsitx lill-attur, jghid li hi lmentat mieghu mid-dewmien tal-attur sabiex tlesta x-xoghol, u jghid illi ma jafx ezatt kemm l-attur dam ghaddej bix-xoghol, izda li kien ghal zmien ferm itwal minn kemm ikkalkolaw inizjalment. Illi madanakollu spjega illi d-diskrepanza fit-tul taz-zmien tista' tkun konsegwenza tal-fatt illi l-konvenuta fehemet illi l-attur ser jahdem sebat (7) ijiem ghal tmien (8) sieghat kull darba, mentri l-attur kien jahdem ghal anqas sieghat minn tmien (8) siegha kull darba. Qal ukoll illi b'referenza ghax-xoghol zejjed li l-attur gie inkarigat li jaghmel, dan kien jirrikjedi madwar jumejn ohra xoghol, u mhux fit-tul.

Kompla jghid illi hu kien imur fuq il-lant tax-xoghol bejn wiehed u iehor darba kull tliet (3) ijiem, u ghalhekk ma jistax jghid jekk l-attur kienx imur kulljum fl-appartament tal-konvenuta. Illi jghid ukoll illi minkejja fid-dewmien tal-attur sabiex jikkompleta x-xoghol, madanakollu l-

konvenuta ma waqqfitux milli jaghmel ix-xoghol. Jghid ukoll illi xoghol l-attur kien xoghol tajjeb. Jghid ukoll illi ra l-kont tal-attur, u li l-ammont mitlub minnu jirrifletti l-ammont ta' xoghol li sar minnu.

In kontro-ezami jispjega illi hu jqis il-kont tal-attur bhala wiehed tajjeb in bazi tax-xoghol li sar minnu, u kemm kien mehtieg jimpjega hin sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Jghid ukoll illi l-partijiet kienu ftehmu fuq zmien approssimattiv li fih kellu jsir x-xoghol. Jghid ukoll illi l-ftehim bein il-partijiet ma kienx jinkludi li l-attur iqabbad lavrant *at an extra cost*; ghalkemm jghid ukoll li jaf li l-attur kien gab lavrant ghal jumejn fil-bidu tax-xoghol. Illi spjega wkoll illi wara li l-konvenuta lmentat mieghu illi l-ammont mitlub mill-attur kien gholi, hu wettaq ezercizzju sabiex jara jekk l-amont mitlub kienx gust ghax-xoghol li kien sar, hum inn dan l-ezercizzju rrizultalu illi kien anqas milli kien jitlob haddiehor. Hu uza rati li japplikaw kuntratturi ohra ghal xoghol simili ghal dak li sar mill-attur fil-propjeta` tal-konvenuta.

Xehed Jesmond Grima li qal li mar jghin l-attur fil-propjeta` tal-konvenuta ghal jumejn u nofs. Qal ukoll li ghax-xoghol li ghamel, thallas mill-attur.

Il-konvenuta xehdet illi meta ntlahaq ftehim mal-attur dwar ir-rata li biha kellu jithallas, huma ftehmu fuq hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53c) ghal kull gurnata ta'xoghol. Peress li indika rata bil-gurnata, staqsietu kemm kien ser idum biex ilesti x-xoghol, u hu qalilha madwar gimgha u ghalhekk deherilha li kienu ftehmu dwar prezz. Tghid ukoll illi hi nkarigat lill-attur sabiex jghamel ix-xoghol ghall-habta ta' Awissu jew Settembru, izda kien mar ukoll precedentement f'April / Mejju sabiex iqieghed il-mosaic.

Qalet ukoll illi kienet tiftahlu fit-tmienja ta' filghodu, u li kien hemm okkazjonijiet meta marret lura fis-siegha ta' wara nofsinhar u ma sabitux hemm, u peress illi ma kellux mezz li jidhol zgur li ma kienx jmur lura jkompli xogholu.

Il-konvenuta qalet ukoll illi hi qatt ma nghatat kopja tar-rendikont immarkat bhala Dok ED1 (a fol. 45), mentri Dok SMS (a fol. 73) kien ghaddihulha Michael Trapani Galea ghax-xogholijiet zejda li saru mill-attur. Tghid ukoll illi l-kont li rceviet minghand Michael Trapani Galea ghax-xoghol miftiehem originarjament mal-attur huwa dak li kopja tieghu giet ipprezentata minnha stess, u mmarkat bhala Dok GD4 (a fol. 81).

Ikkunsidra,

Illi in forza tal-azzjoni odjerna, l-attur qed jitlob hlas ghal xoghol imwettaq minnu fuq inkarigu tal-konvenuta fil-fond proprjeta' taghha. Illi ma jidhirx illi hemm qbil bejn il-partijiet dwar ir-rata li permezz taghha kellu jigi mwettaq il-hlas spettanti lill-attur ghal dan l-appalt, in kwantu l-attur l-ewwel jindika rata ta' erba' liri Maltin u erbghin centezmu (Lm4.40c), ekwivalenti ghal ghaxar Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€10.25c), fis-siegha, filwaqt illi sussegwentement hareg kont b'rata ta' hamsa u tlettin lira Maltin (Lm35), ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53c) kull gurnata ta' xoghol. Illi oltre dan, lanqas ma hemm qbil bejn il-partijiet dwar iz-zmien li l-istess attur qed jallega illi impjega sabiex jigi kompletat ix-xoghol in kwistjoni.

Illi ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni, madanakollu, dwar il-fatt illi l-attur wettaq ix-xoghol li gie inkarigat li jaghmel, u lanqas ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-kwalita' tax-xoghol li sar minnu. Illi fil-fatt, ma giet sollevata ebda eccezzjoni f'dan ir-rigward mill-konvenuta. Il-kontestazzjoni taghha hija biss dwar it-tul taz-zmien li l-attur qed jallega li impjega sabiex gie kompletat ix-xoghol li gie inkarigat li jaghmel, u li dan iz-zmien kien jeccedi z-zmien miftiehem bejniethom. Illi z-zewg partijiet iddikjaraw illi meta iltaqghu inizjalment sabiex jiftehmu dwar ix-xoghol li kellu jsir, liema inkontru sar tramite tal-*project manager* u *designer* Michael Trapani Galea u liema diskors sar ukoll fil-presenza tieghu, l-attur iddikjara illi x-xoghol li kien qed jigi mitlub li jaghmel kellu jsir fi zmien approssimattiv ta' madwar gimgha jew ghaxart (10) ijiem.

Illi hadd mill-partijiet ma jaghti spjegazzjoni cara u dettaljata ta' kemm damu ghaddejjin ix-xoghlijiet li gie inkarigat li jaghmel l-attur, salv illi l-attur ipprezenta rendikont tas-sieghat li fihom kien qed jahdem ghand il-konvenuta, u dan kif jirrizulta minn Dok. ED 1, li jinsab a fol. 45.  Illi fir-realta', il-kont li hareg l-attur u ta lill-konvenuta, ossia z-zewg kontijiet, u cioe' Dok. GD 4 (a fol. 81) u Dok. SMS (a fol. 73), fihom indikati l-granet tax-xoghol u r-rata applikabbli.

Illi jekk wiehed iwettaq ezercizzju komparattiv bejn is-sieghat elenkati f'Dok. ED 1 u jqabbilhom ma' dawk rizultanti minn Dok. SMS u GD 4, jidher illi dawn iqarrbu lejn xulxin, ghaliex mir-rendikont a fol. 45 jidher illi l-attur hadem ghand il-konvenuta ghal madwar mija u sittin (160) siegha, li mqassma fuq tmien (8) sieghat kulljum, jammontaw ghal ghoxrin (20) jum; filwaqt illi minn Dok. SMS u GD 4, l-attur qed jitlob hlas ghal dsatax (19)-il jum u erbghin (40) minuta.  Illi ghalhekk, *ai fine dei conti*, il-ftehim bejn il-partijiet kienx bis-siegha jew bil-gurnata, ma jghamilx daqstant differenza, ghaliex iwassal ghall-istess total.

Illi ghalhekk jonqos illi jigi stabbilit jekk iz-zmien impjegat mill-attur sabiex wettaq ix-xoghol li gie inkarigat li jaghmel sarx fi zmien ragonevoli, jew jekk hux fuq medda ta' zmien twil wisq, u jekk l-attur kienx effettivament marbut li jlesti x-xoghol li kien mehtieg li jaghmel entro zmien specifiku.  Illi dwar il-kwistjoni tat-tul ta' zmien li fih l-attur kellu jwettaq ix-xoghol fil-fond tal-konvenuta, il-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet jaqblu in kwantu t-tnejn qalu illi l-attur kien indika li kien jehtieg madwar gimgha jew ghaxart ijiem sabiex iwettaq ix-xoghol li gie inkarigat li jaghmel.  Illi fir-realta', u skond ir-rendikont li gie pprezentat mill-istess attur, hu dam ghaddej bix-xoghol ghal perjodu ferm itwal, ghaliex kien fuq il-lant tax-xoghol ghal madwar ghoxrin (20) jum.  Illi ghalhekk, u f'dan ir-rigward, tidher gustifikata l-kontestazzjoni tal-konvenuta illi hi m'ghandhiex thallas il-kont <u>kollu</u> tal-attur, ghaliex dam ghaddej bix-xoghol ghal perjodu ferm itwal minn dak miftiehem bejniethom verbalment.

Illi madanakollu, u fid-dawl ta’ dak li xehed il-*project manager* Michael Trapani Galea Feriol, li spjega illi wara li rcieva ilment minghand il-konvenuta dwar il-prezz li kien qed jitlob l-attur ghax-xoghol imwettaq minnu, hu wettaq ezercizzju li permezz tieghu pprova jistabilixxi jekk il-prezz li kien qed jitlob l-attur ghax-xoghol li sar minnu kienx wiehed gust u reali, jew jekk kienx gholi u esagerat, tali kontestazzjoni ma tibqax gustifikata. Illi meta gew applikati rati kummercjali li jigu mitluba minn terzi sabiex isir xoghol simili ghal dak li sar mill-attur, dan l-istess xhud stqarr illi fil-fehma tieghu l-ammont mitlub mill-attur kien wiehed gust, anzi kien inferjuri ghal dak li solitament jintalab minn terzi. Illi ghalkemm tali ezercizzju sar minn xhud *ex parte*, il-konvenuta da parti taghha, ma ressqet ebda prova li tikkuntrarja jew ixxejjen dak li qed jigi allegat mill-attur u minn dan ix-xhud. Illi oltre dan, salv ghall-kontestazzjoni tal-konvenuta illi hi m’ghandhiex thallas dak dovut lill-attur ghaliex dam ghaddej bix-xoghol ghal perjodu itwal minn dak miftiehem, ma ressqet ebda ilment dwar il-kwalita’ tax-xoghol li sar minnu, u lanqas ma avanzat xi lment jew allegazzjoni illi sofriet xi danni in konsegwenza ghal tali dewmien. Illi ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ prova li l-kont mahrug mill-attur huwa esagerat, it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni illi l-ammont mitlub minnu ghall-*mano d’opera* huwa dovut.

Illi l-konvenuta qed tikkontesta dik il-parti tal-kont fejn l-attur qed jitlob ukoll hlas ghal xoghol li gie mwettaq minn lavrant impjegat mill-istess attur sabiex jghinu. Illi l-konvenuta ssostni illi l-attur ma kienx qalilha li ser igib persuna tghinu, u wisq anqas ma ftehmet rata ohra applikabbli ghal dan il-lavrant. Illi dan huwa kkonfermat mix-xhud Michael Trapani Galea Feriol, prodott mill-attur, li qal li meta l-partijiet ltaqghu u ddiskutew dwar ix-xoghol li kien mehtieg li jsir u r-rata li biha kien ser jithallas l-attur, ma ssemma ebda lavrant u rata applikabbli ghalih. Illi ghalkemm dan il-lavrant xehed f’dawn il-proceduri, u kkonferma illi gie mhallas mill-attur ghax-xoghol li ghamel fil-fond proprjeta’ tal-konvenuta, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba ma kienx hemm ftehim specifiku bejn il-partijiet dwar dan il-fatt, allura tali spiza ghandha tigi

sopportata u assorbita mill-attur. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jirrespingi dik il-parti tat-talba tal-attur li tirrigwarda l-hlas ghax-xoghol imwettaq mill-lavrant li gie impjegat mill-istess attur sabiex jassistih fix-xoghol li kellu jaghmel fuq inkarigu tal-konvenuta.

Illi mill-kumplament, u f'dak li jirrigwarda l-hlas li l-attur qed jitlob ghall-materjal, jigi rilevat illi ghalkemm fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-konvenuta kkontestat li dan l-ammont huwa dovut, ghaliex fil-fehma taghha ma kienx hemm ghalfejn jintuza materjal, madanakollu, mill-provi li tressqu mill-partijiet, tali kontestazzjoni ma tirrizultax. Illi, per ezempju, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-konvenuta tiddikjara li ma gew ipprezentati ebda ricevuti mill-attur in sostenn ta' din il-parti tat-talba tieghu; madanakollu, jigi rilevat illi fl-ebda waqt tul il-procediment tal-kawza l-attur ma ntalab li jipprezenta tali ricevuti, jew li jispjega f'hix kienu jikkonsistu tali spejjez. Illi ladarba ma kienx hemm kontestazjoni specifika mill-konvenuta dwar dan il-punt, allura l-attur ma kienx tenut li jissostanzja ulterjorment dik il-parti tat-talba tieghu. Illi jekk imbaghad issir referenza ghad-deposizzjoni li nghatat mix-xhud Michael Trapani Galea, u b'referenza aktar specifika ghad-dokument ipprezentat minnu Dok. XX1, jirrizulta illi oltre l-*mano d'opera*, dan l-istess xhud ha in konsiderazzjoni illi mal-kont ghandu jizdied il-materjal; illi ghalhekk dan ix-xhud jaghti x'jifhem illi huwa ferm probabbli li l-attur uza xi materjal sabiex wettaq ix-xoghol li kien inkarigat li jaghmel. Illi ghalhekk it-Tribunal qed iqis illi dawk iz-zewg ammonti indikati fiz-zewg fatturi rilaxxjati mill-attur, u cioe' l-ammont ta' mija u tmienja u ghoxrin centezmu u tnax-il centezmu (€128.12c) u mitejn u wiehed u tmenien Ewro u hamsa u tmenien centezmu (€281.85c), li kumplessivament jammontaw ghal erba' mija u disa' centezmi u sebgha u disghin centezmu (€409.97c), huma dovuti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u ppruvata *in parte*, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni tal-konvenuta, jilqa' *in parte* t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf disa' mija tnejn u disghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu

(€1,992.43c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------